MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2012

Numru. 853/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**KONTRA**

**MARK MELI ta' 25 sena, iben Adrian u Maria Camilleri nee' Jaccarini, imwieled Tal-Pieta' nhar it-23.09.1986, residenti fil-fond 36, Malaika, Triq il-Qatta, Swieqi, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 427586M; OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Mark Meli** li gie akkuzat talli:

1. Nhar l-10 ta' Awwissu, 2006 gewwa Paceville, San Giljan, ghall-habta tas-1.00am bil-hsieb li jaghmlu

delitt, u cioe' dolozament bil-hsieb li joqtol presuna (Mark Bencini) jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u/jew indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. U aktar talli nhar l-10 ta' Awwissu, 2006, gewwa Paceville, San Giljan, ghall-habta tas-1.00am, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti gravissimi fuq il-persuna ta' Mark Bencini bi ksur tal-Artikolu 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi, ikkaguna offizi gravi fuq il-persuna ta' Mark Bencini billi kkagunalu ksur f'rasu li seta' jgiblu periklu f'hajtu, jew debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, kif iccertifikat mit-Tabiba Dr Maira Grech MD, bi ksur tal-Artikolu 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(b) u (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza hafifa fuq il-persuna ta' Karl Muscat kif iccertifikat mit-Tabib Dr S B Das MD (Reg No 2141);

5. U aktar talli fl-istess hin, data, lok, u cirkostanzi, hebb kontra persuni sabiex jingurjahom jew jaghmel il-hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali;

6. U aktar talli fl-istess hin, data, lok, u cirkostanzi, ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-Kodici jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

7. U talli fl-istess data, hin, u lok, imbotta lil haddiehor fit-triq biex iweggagghom jew jinsulentawhom;

8. U aktar talli fl-istess cirkostanzi data, hin u lok, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Rat li fil-mori ta' dawn il-proceduri ntbaghtu l-Artikoli fil-konfront biss ta' Mark Meli wahdu taht liema mahsub li tista' tinstab htija, u cioe':

a. Fl-Artikoli 214 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikoli 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikolu 382A, 383, 384, 386, u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikolu 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-istess Artikoli, Mark Meli ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Semghet il-provi kollha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel xhud huwa Dr Mark Bencini nnifsu. Xehed li ltaqa' ma' shabu, marru s-Sabor biex hemm jiltaqghu ma' nies ohrajn. Hemm iltaqa' ma' shabu ohrajn Dr Chris Gauci u Karl Muscat. Qal illi meta kien quddiem Sabor De Mexico ghadda Mark Meli li mbotta lil Karl Muscat minn wara. Xehed illi Karl Muscat dar u qallu biex joqghod attent. Hawn Mark Meli beda jghajjat u jagixxi vjolenti kontra Karl Muscat. Qal Bencini li Meli beda jhares f'wicc Muscat u jghidlu "Tini daqqa ta' ponn go mniehri, tini daqqa ta' ponn jekk int ragel!" Skond ix-xhud, Karl dar u minflok tah daqqa ta' ponn, imbuttah. Hawn Mark Meli refa' jdejh fuq Karl u hawn bdew jiggieldu. Qal ix-xhud illi

hu dahal fin-nofs u mbotta lil Karl ‘l hemm u bdew jimxu, mentri kellem habib ta’ Mark Meli biex izomm lil Mark. Dan il-habib kien Karl Ebejer. Marru l-Plush, hargu ‘l barra ghaliex ix-xhud kellu bzonn imur go post iehor, hawn ra lil Mark Meli, Ebejer, u habib iehor taghhom sejrin lejhom. Wara sar jaf li t-tielet persuna kien jismu, anzi kunjomu Magri Overend. Iddeskriva li dawn it-tlieta kienu sejrin lejhom b’mod goff bil-ghagla. Jghid illi hawn kienu fit-triq quddiem il-Plush. Kif avvicinawhom bdew jargumentaw ma’ Karl (Muscat). Qal illi hu pprova jsikkithom, pero wiehed minnhom refa’ jdejh fuqu u tah daqqa ta’ ponn fuq rasu. Dan qal illi minghalih kien Magri Overend. Spjega li minhabba l-hames fratturi li sofra fuq rasu, konsegwenza tad-daqqiet li qala’, kien biss 90% cert li kien Magri Overend. Qal illi hu lil dawn ma kienx jafhom, u li wara ntilef minn sensieh.

Xehed anke kemm dam l-Isptar minhabba l-griehi gravi li sofra f’rasu (hames fratturi), u li sal-lum kien ghadu jbaghti mill-konsegwenzi ta’ hekk. Ezebixxa sett ritratti mehuda minn habib tieghu James Palmier Gonzi, u ohrajn minn Kevin Bencini li juru l-griehi sofferti.

In kontro ezami qal illi fl-ewwel incident ma wegga’ hadd, ghalkemm  xejru xi daqqiet lejn xulxin, cioe’ bejn Karl Muscat u Mark Meli. Qal illi minghalih kien Karl Ebejer li dak il-hin waqt l-ewwel incident zamm lil Mark Meli, anzi kompla li kien hu lil qal lil dan biex izommu biex iferraqhom. Ikkonferma li ra lil Karl Muscat u lil Mark Meli jiggieldu, jaghtu. Zied illi Mark Meli zgur ipprova jaghti bil-ponn lil Karl Muscat, ma kienx jaf jekk laqtux. Irrepeta li Karl kien bil-wieqfa u Mark imbuttah. Ikkonferma li hu lil Karl Muscat qabbdu biex iwarrbu ghax kien qieghed jiggieled ma’ Mark Meli.

Spjega li huma bhala drinks hadu xi tlieta. Xehed ukoll illi meta ra lit-tlieta l-ohrajn gejjin bil-goff lejhom, baqghu barra l-Plush, b’dan illi Karl Muscat u Chris Gauci baqghu hdejh. Meta waslu hdejhom, xehed illi Margi Overend beda jgholli jdejh u jistaqsi lil Karl Muscat affarijiet bhal kellux xi jghid mal-habib tieghu. Qal illi pero kif qala’ d-daqqa ntilef minn sensieh.

Dr Chris Gauci xehed minn naha tieghu li hu kien ma' shabu Mark Bencini u Karl Muscat mexjin, Karl l-ewwel, Mark it-tieni, u hu t-tielet. Ra lil wiehed jahbat go Karl Muscat, cioe' miexi u baqa' diehel go fih b'mod vjolenti. Hawn bdew jghajru lil xulxin - Karl u din il-persuna, aktar tard minnu identifikata bhala Mark Meli. Qal illi Muscat u Meli bdew jghajru lil xulxin u hu u Bencini marru jifirduhom. Hawn skondtu Meli beda jghajjar lil Muscat b' "X'ser taghmillu pufta?" Ikkonferma li bejniethom kien hemm exchange of punches. Jghid illi minn hemm marru l-Plush u wara xi ghaxar minuti rega' ra lill-istess bniedem gej ikkargat lejhom.

Qal illi t-tieni darba l-affari kienet izjed mghaggla, u bdew jghajru lil xulxin u faqqghet glieda. Xehed illi li jiftakar kien li beda jipprova jevita d-daqqiet, anke li jaghmel xi haga biex jghin. Induna li Mark Bencini kien qieghed ma' l-art b'rasu mal-bankina, ihares lejn id-dust bins. Ra wkoll third person "…qed jaghtih ripetutament daqqiet f'wiccu." (folio 78) Jiftakar car li dan beda jaghtih b'idejh, "Daqqa wara daqqa." (folio 78) Kien jidher illi Mark Bencini ma kienx f'sensieh, kien mitluf ghax ma beda jiccaqlaq xejn. Mar bil-girja jimbotta lil dan il-bniedem biex jaqalghu minn fuq Bencini. Ra li Mark Bencini ma kienx qed jiehu nifs sew, kellu d-demm go halqu, "he could not maintain his airway" ( folio 79).

Spjega li kien Mark Meli li beda l-glieda, l-iktar wiehed fi kliemu li qal kliem. Indika lil Karl Ebejer bhala dik il-persuna li beda jaghti lil Mark Bencini ripetutament go wiccu meta dan kien ma' l-art. Itih f'wiccu bil-ponn u dan sakemm waqqfuh. Ikkonferma li barra li kien hu li waqqaf lil Ebejer milli jkompli jsawwat lil Bencini, ghamel hekk anke pulizija. Xehed illi hu ra lil Ebejer jaghti tlieta jew erba' daqqiet lil Bencini fuq in-naha ta' wiccu. Qal illi hu jsawwat lil Bencini ra lil Ebejer esklussivament (folio 85).

Ikkonferma li fit-tieni glieda Mark Meli gie ma' shabu, anke ma' certu Michael Magri Overend, marru ghal Karl Muscat "….they exchanged punches." (folio 87).

Ikkonferma li meta Mark u Karl habtu flimkien fl-ewwel incident, Karl ghajjar lil Mark. Pero ma kienx jaf min fajjar l-ewwel daqqa ta' ponn, ghaliex hu u Bencini kienu qed jippruvaw jifirduhom. Qal illi qatt ma ra lil Mark Meli bid-demm. Qal illi firduhom billi mbotta lil Muscat 'l hemm. Ikkonferma li Karl ma sofra ebda daqqiet, lanqas skondtu Mark Meli.

Qal illi ghat-tieni glieda, Bencini u hu ppozizzjonaw ruhhom bejn it-tieni grupp u Muscat. Ikkonferma li Karl Muscat beda jaghti bil-ponn. Bdew jaghtu Karl Muscat, Mark Meli, u Michael Magri Overend. Ikkonferma li Karl Muscat beda jaghti u jiddefendi ruhu. Bencini pprova jwaqqaf il-glieda, jikkalma s-sitwazzjoni. Ikkonferma li hu ma qala' ebda daqqa.

Xehed anke Karl Muscat, tkellem dejjem bil-gurament dwar il-fattt li kien flimkien ma' Chris Gauci u Mark Bencini, barra s-Sabor Club, bil-wieqfa. Qal illi tfacca certu wiehed jismu Meli minn imkien, u mbuttah waqt li dan Meli kien miexi, tant illi tefghu naqra lura. Dan ix-xhud stenna li jghidlu sorry. Dan minflok skuza ruhu beda jghidlu "Trid tiggieled? X'garalek?" (folio 103). Qal ix-xhud illi ghal din l-attitudni ha ghalih. Qal illi shabu gia' msemmija bdew jikkalmaw is-sitwazzjoni, mentri Meli beda jghidlu 'Ejja tihielu, tihielu f'halqu."(folio103). Qal ix-xhud illi beda jipprovokah. Xehed illi pprova joqghod kalm. Meli beda skondtu jghajru 'pufta', bid-diskors "Inti pufta, pufta, ejja tihielu." Xehed illi mbuttah, tah daqqa ta' ponn. Ma laqtux daqstant. Xehed illi gew naqra fl-idejn, qal ukoll illi ddefenda ruhu billi gholla jdejh. Meta kkalmat is-sitwazzjoni, imxew naqra 'l fuq hdejn il-Plush, kienu qed jghidu lil xulxin x'gara, pero qal li ghalihom kienet qisha mietet. Regghu tfaccaw (allura Meli) ma' certi nies ohra li hu ma kienx ra. Kien hawn li ra lil wiehed minnhom jaghti daqqa ta' ponn lil Mark Bencini, u anke li xi hadd minnhom mar u beda jaghti lil Bencini waqt li dan qieghed ma' l-art. Xehed ukoll illi l-istess wiehed li kien ta daqqa ta' ponn lil Mark Bencini mill-ewwel qabez fuqu, nizzluh ma' l-art, u baqghu (hawn jitkellem fil-plural) jaghtuh sakemm waqqfuhom. Qal illi kien stordut hafna, pero kif gie f'sensieh kienu mohhu f'siehbu Mark ghax kien gravi aktar

minnhom. Qal illi anke hu beda jhossu hazin tant li beda jirremetti, allura ma’ Bencini jaghtih l-assistenza baqa’ siehbu Chris.

Xehed illi fl-ewwel glieda mar fuqu Meli u mieghu ggieled. Fit-tieni glieda, mistoqsi min kien fuq Dr Mark Bencini, identifika lill-ko-akkuzat qabel is-separazzjoni tal-gudizzju, Karl Ebejer. Spjega li Bencini ma’ l-ewwel daqqa nizel ma’ l-art, u dak ta’ xagharu twil mar fuq Bencini waqt li dan kien ma’ l-art, u beda jaghtih bir-rabja, jaghtih, jaghtih, bil-ponn u bis-sieq. Dan ix-xhud rah isir. Xehed anzi li Ebejer lil Bencini beda jaghtih fuq rasu.

Dwar kemm xorbu, wiegeb u qal illi hadu round vodka bil-coke. Ikkonferma li hdejn Sabor lilu laqtu ma’ spalltu Mark Meli, pero hawn ma gralu xejn. Qal illi l-hin tad-daqqa fuq spalltu, lil Meli staqsieh ‘gentilment’ jekk kienx all right (folio 113). Qal illi kien Meli li f’daqqa wahda beda jirrabja, beda sejjer ‘Trid tiggieled?” Qal illi r-reazzjoni ta’ Bencini ssorprendietu, tant illi haseb li kellu xi haga nieqsa f’mohhu, jew kien fis-sakra jew irrabjat fuq xi haga. Qal illi minn naha tieghu hu kien ferhan, kien ghadu kif spicca mix-xoghol, kien biegh xi haga u mar jiehu drink ma’ shabu. Qal illi hu mbotta lil Meli wara li beda jghajru ‘pufta’ kemm-il darba. Imbuttah. Meli rega’ mar ghalih, ipprova jaghtih daqqa ta’ ponn, pero ma laqtux.

Skond Muscat sa hawn kien ghadu ma tax bil-ponn lil Meli. Qal illi gholla jdejh biex jiddefendi lilu nnifsu, pero ammetta li wara lil Meli tah daqqa ta’ ponn, anke li wara huma gew fl-idejn, anke li lil Meli ralu d-demm ma’ xufftejh. Ammetta wkoll illi shabu gibduh ‘l hemm meta gew fl-idejn, u qalulu biex jikkalma, pero qal illi waqaf wahdu mill-glieda, anzi qal illi kieku ried baqa’ jtih pero ma tahx (folio 119). Qal illi wara hu u shabu qaghdu barra l-Plush jiddiskutu l-glieda. Kien hawn li tfaccaw l-imputati u iehor li ma kienx jafu, dan l-injot tfacca l-ewwel u skondtu mar ghall-glied. Spjega li dan fetah sidru u f’daqqa wahda beda jaghti bil-ponn lil Mark Bencini. Xehed illi hawn allura beda jiggieled maghhom, anzi beda jiggieled ma’ dak li ma kienx prezenti, dak li skond ix-xhud it-tieni darba beda l-glieda. Qal illi aktar qala’ milli ta.

Dwar id-daqqiet li qala’ Mark Bencini minghand Ebejer, wiegeb illi osserva li kien qed jaqla’ hafna hafna daqqiet, with a repetition (folio 126). Ripetutament bis-sieq u bil-ponn. L-aktar fuq rasu.

Dr James Palmier xehed illi hu kien li ha r-ritratti ezebiti ta’ Mark Bencini midrub. Dawn hadhom fl-10 ta’ Awwissu, 2006. Dan ikkonferma li ha r-ritratti gia’ ezebiti, Dok MM2(i).

Minn naha tieghu Matthew Caruana Galizia, dwar il-fatt li anke hu kien quddiem is-Sabor, hawn ra lil Karl Muscat u lil Mark Meli jiggieldu bil-kliem. Xehed illi Mark hawn kien wahdu, mentri Karl Muscat kien ma’ Mark Bencini, pero dan ma kienx qed jiggieled bil-kliem. Xehed illi kemm Muscat kif ukoll Meli kienu qeghdin joffendu lil xulxin u li kienu aggressivi t-tnejn. Xehed ukoll illi mieghu Stefan Debattista ammetta li ta daqqa ta’ sieq lil Mark Bencini. Dan qalulu fil-ghodu wara l-glieda, meta kienu flimkien ma’ Mark Galea. Dwar dan anke mar l-Ghassa jaghmel stqarrija. Iddeskriva li hu ra lil Mark Bencini jipprova jzomm lil Karl Muscat lura. Anke certu Benjamin Briffa beda jzomm lil Mark Meli lura. Xehed illi r-rwol ta’ Mark Bencini kien dak ta’ medjatur. Xehed illi ma rax lil Karl Muscat jaghti daqqa ta’ ponn lil Mark Meli.

Ix-xhieda tal-guvintur segwenti kienet ta’ certu Michael Magri Overend u Stefan Debattista li bejniethom spicca sar anke konfront, nonostante li qabel il-glieda jidher li kienu hbieb sew.

Michael Magri Overend xehed (bl-Ingliz) li meta Mark Meli ltaqa’ maghhom il-Club Sabor kien jidher agitat tant illi ried imur jikkonfronta xi grupp ta’ nies. Qal illi nizel jigri t-tarag, u minhabba li rah hekk agitat, segwieh. Meli gibed lejn Plush fejn kien hemm xi erba’ guvintur ohra. Hu semaghhom jitkellmu hazin. Qal illi qabdet glieda, u hu gie milqut go mniehru, waqa’ stordut. Meta pprova jerga’ jqum, issa xehed illi gie milqut gox-xedaq. Baqa’ ma’ l-art sakemm waqfet il-glieda. Peress illi hass li kellu mniehru

miksur, mar l-ENT fejn qalulu li fil-fatt verament kellu mniehru miksur.

Mistoqsi min tah daqqa ta’ ponn lilu, wiegeb illi ma kinex jaf. Mistoqsi rax ambulanza fuq il-post, wiegeb fl-affermattiv. Qal ukoll illi seta’ dak il-hin kien ma’ Stefan Debattista li fil-fatt wasslu l-Isptar. Innega li ghalkemm kien qed jibza’ li kellu mniehru miksur, li hu avvicina l-ambulanza.  Innega li hu ma marx mall-ambulanza ghax hemm fiha ra lil Dr Bencini u  allura ma riedx jitla’ fiha ghax qal illi kien ghadu kif isawtu.

Ikkonferma li meta hu ra lil Mark Meli agitat, dan qal li kien sejjer jikkonfronta xi guvintur li allura kienu barra l-Plush. Xehed illi Meli kien irrabjat. Xehed illi z-zewg gruppi bdew joffendu lil xulxin. Xehed illi hu wasal fuq il-post meta kienu diga’ bdew joffendu lil xulxin. Ikkonferma rega’ li gew fl-idejn u hu ntlaqat f’imniehru. Ikkonferma pero li la Mark Meli u lanqas Karl Ebejer ma laqtuh. Innega li hu qatt mar lejn l-ambulanza nonostante li kellu mniehru miksur, ghazel li jmur l-Isptar minn jeddu. Ikkonferma li nonostante li kellu mniehru miksur qatt ma mar jaghmel rapport l-Ghassa. Mar l-Ghassa biss ghax fil-fatt baghtu ghalih. Innega li Stefan Debattista ma riedx jakkumpanjah l-Ghassa, ghax Stefan beza’ li jaghrfu lil Overend mill-glieda, anzi qal illi ma jiftakarx b’dan. Zied illi hu ma setax jara min laqtu ghax kien qieghed jilbes iz-zarbun li kien hariglu.

Stefan Debattista wkoll xehed bil-lingwa Ngliza. Qal illi f’hin partikolari ra lil Mark Meli diehel gol-Club Sabor u sussegwentement ra lil Michael (Magri Overend), Mark (Meli), u Karl (Ebejer) hergin barra mill-club u jimxu lejn il-Plush. Hawn hdejn il-Plush inqalghet glieda bejn dawn il-hamsa minn nies. Ra hemm lil Michael, Mark, u Karl, u ra li faqqghet glieda. Ra f’xi hin lil Karl Ebejer jintlaqat tant illi kwazi waqa’. Qabad lil Mark Meli semplicement ghaliex kien l-aktar wiehed vicin tieghu. Ma jiftakarx specifikament lil xi hadd jintlaqat. Gibed hu lil Meli bejn Alley u Sabor. Tela’ ‘l fuq, hawn iltaqa’ ma’ Magri Overend li qallu li kellu mniehru aktarx miksur u mxew lejn l-ambulanza. Hawn

Overend ittawwal fiha. Kien Stefan Debattista li ha lil Overend l-Isptar.

Ikkonferma li kien Karl Ebejer kif ukoll Mark Meli li f'xi hin kienu vicin persuna li kienet mixhuta ma' l-art. Din il-persuna ta' ma' l-art skond ix-xhud xorta kienet qieghda tipprova tasal ghal Karl u Mark. Dan ix-xhud baqa' nsistenti li hu ma kienx jaf li xi hadd f'din il-glieda kien wegga' daqstant b'mod serju, dan anke ghax nonostante li ra l-ambulanza u anke avvicinaha ma' Overend, ma kienx staqsa lin-nurse min fil-fatt kien wegga'.

Mistoqsi min wegga' lil Dr Mark Bencini, wiegeb "*If Dr Mark Bencini was in fact the person on the floor next to Chick King, then I would say that Karl and Mark were most likely to have hurt him, but I saw them next to him but I cannot remember seeing the actual hit that caused him the damages like that …..I would say that Karl and Mark were the closest persons to him next to Chick King …..*" (folio 534) Baqa' nsistenti wkoll fix-xhieda tieghu li hu ma kienx jaf min kien Dr Mark Bencini u li qatt ma ra wiccu. Ikkonferma in kontro ezami li huwa qatt ma ra demm ma' wicc Mark Meli. Dan (qabel it-tieni glieda) rah pero jitkellem ma' Magri Overend. Lanqas lil Meli ma ralu xi griehi. Xehed ukoll illi wara li ra li Meli u Overend, rahom hergin flimkien. Qal illi fil-fatt il-glieda damet ftit skondtu (folio 841). Ikkonferma li l-glieda kienet allura bejn shabu u ohrajn li gew deskritti bhala "*Those people you did not know …..*" (folio 841). Xehed ukoll illi ra lil Meli u lil Ebejer "*….hit the people during the fight that was going on. They did not just stand there.*" (folio 842) Baqa' nsistenti li hu qatt ma kien involut fil-glieda. Qal ukoll "*…….both parties were aggressive.*" (folio 841) In partikolari ftakar illi Karl Ebejer gie milqut (*hit*) pero ma kienx jaf minn min. Ikkonferma li Michael kien involut fil-glieda ghax gie milqut u kellu mniehru miksur, semma' lil Mark Meli u Karl Ebejer hekk involuti u tlieta jew erba' nies ohra. Aktar tard pero kien insistenti li hu la ra lil Michael jintlaqat, u lanqas jiggieled. Ikkonferma li wara li qala' lil Meli mill-glieda u rega' mar lura fil-post tal-glieda, hawn avvicinaw l-ambulanza. F'dak il-hin skondtu gia' kien hemm il-pulizija fuq il-post li kienu qed ikellmu lil Karl

Ebejer. Hdejn l-ambulanza hu, Mark Perigin, u Magri Overend bdew jiddibattu jmorrux l-Isptar. Kien hawn li huma ttawlu gewwa l-ambulanza li kienet skond ix-xhud gia' okkupata. Xehed pero li minhabba li Magri Overend kien quddiemu, hu ma setax jara min kien fl-ambulanza. Anzi kkonferma li kien Michael Magri Overend li ttawwal gewwa. Ikkonferma wkoll illi Overend fil-fatt ma riedx li jigi mmedikat mill-paramedics ta' l-ambulanza stante li fiha, fl-ambulanza, skondtu kien hemm dak li hu kien sawwat (folio 857). Issa ghalkemm dan Debattista kkonfermah, xehed ukoll illi Michael f'hajtu qal hafna affarijiet li ma tantx kienu veru, cioe' li jghawweg il-verita'. Ikkonferma pero li Michael qal dak id-diskors. Dan id-diskors skond ix-xhud, Overend qalu meta Becky Filletti fil-fatt issugerietlu li jmur idewwi mniehru fl-ambulanza. Ikkonferma x-xhud illi fil-fatt kien hu li wara ha lil Overend l-Isptar, kif ukoll illi Overend mar l-Ghassa ghax cemplulu l-pulizija. Ikkonferma wkoll illi wara l-Isptar, Michael rega' mar Sabor. Qal ukoll illi hu ma dahalx l-Ghassa mhux ghax beza', anzi hu u Perigin baqghu fil-karozza sakemm ircevew telefonata minghand Overend li qallhom li ma kienx ser johrog mill-Ghassa, ghax allura kien ser jibqa' mizmum.

Sar konfront ukoll bejn Overend u Stefan Debattista, primarjament fuq id-diskors li Overend qal skond Debattista hdejn l-ambulanza.

Beda Overend li kkonferma li hu minhabba mniehru l-Isptar mar ma' Overend li mieghu kien ilu hbieb minn meta kellhom ghaxar snin. Ikkonferma li fuq il-post ta' l-incident kien hemm ambulanza, pero nnega li hu fittex l-istess jew li hares go fiha, jew addirittura li kien jaf min kien hemm go fiha. Dwar il-fatt illi hu qal id-diskors li fl-ambulanza kien hemm persuna li hu kien sawwat xehed "*I am sure that they are making a mistake because it does not make any sense for me to have said that.*" (folio 886) Dan ghaliex fi kliemu hu ma laqat (hit) lil hadd, u skondtu dan Stefan kien jafu. Ghalhekk innega li kien qal dak id-diskors. Anzi nsista li kienet l-ewwel darba li hu kien qieghed jara lil Dr Mark Bencini.

Minn naha tieghu Debattista, fil-konfront baqa' nsistenti li fil-fatt Overend qal id-diskors li fl-ambulanza kien hemm persuna li mieghu kien involut fil-glieda, u ghalhekk ma riedx jitla' fl-ambulanza. Ikkonferma wkoll illi dak il-hin hdejn l-ambulanza kien hemm ukoll Mark Perigin, kif ukoll illi Michael qal dak id-diskors fil-hin li kienu vicin l-ambulanza. Baqa' nsistenti li l-glieda kienet ma' dawk in-nies u Mark Meli, u li hu ma kienx jaf kif spicca wegga' Bencini, kif ukoll illi hu qatt ma ra lil Overend involut fil-glieda. Minn naha tieghu Overend baqa' nsistenti li hu dak id-diskors qatt ma kien qalu. Anzi zied illi minhabba li hu kien imsiefer l-universita', Mark Perigin kien taht l-influwenza ta' dak li kellu jixhed skond kif kien qallu Karl. Anki hawn dan id-diskors kien qieghed isir in konfront issa ma' Mark Perigin. Insista illi fil-fatt shabu kienu minhabba l-influwenza ta' Karl, qed jghidu dak id-diskors fuqu.

Kien issa jmiss lil Mark Perigin li jixhed. Qal illi kien flimkien ma' shabu Karl Ebejer, Mark Meli (l-imputat), Michael Magri Overend, Stefan Debattista, Luke Frendo, Mark Galea, u Giorgio Galea, almenu. Waqt illi kienu Sabor kien infurmat li shabu kellhom glieda isfel. Nizel jara x'gara. Hemm ra karozza tal-pulizija li kienu qeghdin ikellmu lil Karl Ebejer, lil Giorgio Galea, u Mark Meli. Ra konfuzjoni shiha, kif ukoll lil Magri Overend u Debattista. Qal illi Michael kellu mniehru mwegga'. Kien l-istess Michael, skond dan ix-xhud, illi ghazel li jmur hdejn l-ambulanza, pero zied illi Overend meta wasal hemm qal illi ma setax jitla' ghax go fiha kien hemm dak il-guvni li hu kien sawwat. Dan Perigin xehed illi semghu. Qal illi qabel il-glieda hu kien close hafna ma' Michael, pero li llum kien aktar vicin ma' Meli u Ebejer. Fiehem illi dan kien gara ghax kien ihoss illi Michael ma kienx mexa ta' ragel, dan minhabba li fl-ewwel lok anke kien stidinhom id-dar tieghu, cioe' lil Luke Frendo, Matthew Caruana Galizia, Mark Galea u ohrajn, fejn ipprova jispjegalhom x'kien gara minn naha tieghu, cioe' li hu ma kien sawwat (hit) lil hadd. Qal ukoll illi Overend ma harigx ta' ragel ghax ma refax ir-responsabbilta' tieghu, dan tenut kont ta' dak li kien qal hdejn l-ambulanza. Wera x-xewqa dan ix-xhud, anke minhabba s-sitwazzjoni li kienu jinsabu fiha Meli u Ebejer (il-ko-imputati originali) li Overend "*owns up to his*

*responsibilities*", dan specjalment minhabba l-fatt illi l-ko-imputati kienu taht kundizzjoni ta' rinkazar, mentri Overend kien gej u sejjer liberalment lejn l-Ingilterra.

Ser tghaddi issa l-Qorti biex tirriproduci x-xhieda tal-pulizija li wasslu fuq il-post ta'l-incident.

Ghalhekk PS 776 Victor Gafa' xehed illi meta waslu hdejn l-Burger King, hemm ra lil Mark Bencini bil-qieghda fuq siggu fejn il-Plush. Ralu xi demm. Kienu qed jistennew l-ambulanza biex jihduh l-Isptar. Hawn (pero ma jirrizultax li dawn inghataw xi caution), kellem lil Ebejer u lil Meli dwar l-involviment taghhom f'dan l-incident. Kellem anke lil Overend. Ezebixxa l-okkorrenza bhala Dok VG folio 182 – 184.

PC 337 Mark Mercieca wkoll xehed kif hdejn il-Burger King sab lil certu Mark Bencini mixhut ma' l-art b'wiccu bid-demm. Xehed illi siehbu PC 626 mar fuq il-persuna li kienet qed tiggieled ma' Bencini (folio 185). Qal illi huma waqqfuhom. Xehed illi fil-glieda ra lil Mark Bencini fl-art u kien hemm xi hadd fuqu jaghtih. Qal illi pero dik il-persuna li kienet qed taghti lil Bencini, hu m'gharfux (folio 186). Gharaf lil Meli u lil Ebejer bhala t-tnejn mizmuma wara l-glieda.

Forsi l-aktar xhud pulizija saljenti f'dawn il-proceduri huwa PC 626 Giancarlo Benetti. Dan xehed illi kif gie nfurmat li kien hemm glieda gewwa Paceville, hareg mill-karozza u mar jigri lejn il-Peppermint. Hemm sab guvnott naqra twil, u iehor fuqu. Spjega illi l-guvnott it-twil ma kien qieghed jaghmel xejn. Qal illi dan kien Mark Meli li kien qieghed fuq persuna minduda wiccha ma' l-art, u dan kien qieghed jaghti fuqha. Anzi zied illi kien hu li qala' lil Mark Meli minn fuq din il-persuna. Mitlub jidentifika min miz-zewg ko-imputati kien fil-fatt Mark Meli (sa hawn kienet ghadha allura wkoll ma saritx is-separazzjoni tal-gudizzju), huwa fil-fatt identifikah bhala "*Ta' xagharu twila. Ta' din in-naha.*" (folio 359). Qal u zied illi ta' hdejh, allura l-ko-imputat l-iehor, kien hemmhekk ukoll.

Issa mistoqsi jikkjarifika, xehed illi l-persuna minduda wiccha ‘l isfel kienet il-vittma, kien defenceless u wiccu ma’ l-art (folio 360). Dwar dak li huwa identifika b’xagharu twila, qal illi dan kien dahru lejh u kien qieghed jaghti fuqu, jaghti bl-idejn fuqu, tant illi qalghu hu minn fuq il-vittma (folio 361). Kategorikament xehed illi ma kellu ebda dubbju li fil-fatt il-persuna li qala’ minn fuq il-vittma kien il-ko-imputat ta’ xagharu twila (folio 362).

Dwar involviment ta’ xi hadd iehor f’din il-glieda wiegeb “*Le dawk it-tnejn li gharaft, lil ta’ xagharu twila u lill-iehor. Jiena li rajt koncentrati fuq il-vittma.*” (folio 363) Mistoqsi dak il-ko-imputat li kellu xagharu twila x’kien jismu, wiegeb Mark Meli. Ma ftakarx l-isem tal-ko-imputat l-iehor. **Mitluba jipponta lejn l-imputat li ghalih kien jismu Mark Meli,** fil-**fatt quddiem il-Qorti huwa identifika lill-ko-imputat Karl Ebejer.**

F’dan l-istadju x-xhud fil-fatt gie mitlub li johrog mill-Awla, ghalhekk giet sospiza d-deposizzjoni tieghu. Hawn sar verbal minn din il-Qorti, dan fis-seduta ta’ nhar il-5 ta’ Mejju, 2007 (folio 355), li fil-fatt il-ko-imputat li kien qieghed jidentifika Benetti fil-fatt ma kienx il-ko-imputat Mark Meli, pero l-imputat l-iehor Karl Ebejer.

Issa mistoqsi meta rega’ beda jiddeponi x’kien l-involviment tal-ko-imputat it-twil, allura Mark Meli, wiegeb “*L-iehor naf li rjatu bil-wieqfa, naf li ghidt ‘Pulizija, ieqfu!’, hares lejja t-twil, jigifieri dak tan-naha tax-xellug, hares lejja u pprova anzi jwaqqaf lil shabu huwa. Ma rajtux, la rajtu fl-ebda hin jiggieled lit-twil.*” (folio 368) Xehed illi t-twil, Mark Meli, kien qieghed hdejn l-aggressur u l-vittma, “*u kif ghidt ‘Pulizija!’, hares lejn it-twil qisu nhasad.*” Spjega li allura Meli kif ra lill-pulizija ghamel sinjal, speci nduna hu bihom.

Spjega li l-glieda kienet aktar hdejn il-Plush, lejn il-Peppermint. Lahhaq ma’ kollox, cioe’ mal-glieda hdejn il-Peppermint. Hawn beda jigri u jofroq in-nies. Rega’ spjega li sab persuna ma’ l-art u iehor fuqu, l-iehor kien ukoll ma’ l-art ‘il fuq. Ghajjat “Pulizija!”, wiehed minnhom hares lejh, u x-xhud gibed lill-iehor. Qal illi dan ta’ l-ahhar anke gie

b'hafna paroli, beda jipprova jargumenta mieghu (folio 380). Din il-persuna li nehha minn fuq l-iehor, skond dan ix-xhud beda jistaqsieh "*Jiena x'ghamilt?*", beda jghidlu li ma ghamel xejn u anke jidhaq, zied anzi li dana beda jargumenta mieghu. Dwar il-vittma jghid illi hu qatt ma rah, imma jaf li kien wiccu ma' l-art, rah aktar tard bil-qieghda hdejn il-Plush. Nizzel liz-zewg ko-imputati lejn l-Ghassa ta' San Giljan.

Ikkonferma li kien gia' xehed qabel, (20.10.2006) illi meta wasal fuq is-sit tal-glieda sab zewg persuni li kienu qed isawtu persuna ta' sess maskili. Zied illi kien hu li waqqafhom u anke nfurmahom li kien ser izommhom sakemm tasal aktar assistenza. Meta waslu l-kollegi tieghu u mar hdejn shabu, ra hdejn il-Plush persuna b'wiccha minfuh.

Mistoqsi issa kienx ghadu jaqbel ma' dan kollu, wiegeb fil-pozittiv.

Rega' identifika (issa korrettement) lil Karl Ebejer bhala dak li kien qieghed isawwat lill-vittma li kien wiccu ma' l-art. Qal illi lil Mark Meli ma rahx isawwat, tant illi kif qallhom "*Pulizija!*" waqaf mill-ewwel u pprova jwaqqaf lil siehbu, pero xehed illi siehbu kompla jaghti sakemm fil-fatt waqqfu x-xhud.

Zied illi hu lit-twil (allura Mark Meli) "*……..ma rajtu fl-ebda hin isawwat lill-vittma. It-twil kif ghajjatt 'Pulizija!', inhasad u pprova jkellem lil Mark (recte Karl) bil-gesti li ghamel.*" (folio 389)

Zied ukoll illi fil-fatt huwa ma rax armi, u li bdew jaghtuh bil-ponn. "*Kien fuqu u beda jaghtieh bil-ponn.*" (folio 390) Xehed "*Waqqaft lil Karl Ebejer milli jkompli jsawwat lill-vittma…….*" (folio 390)

Qal ukoll illi biex iwaqqfu kellu jigbdu minn fuq il-vittma. Zied illi Mark Meli kif qallhom li kien pulizija, waqaf mill-ewwel, anzi qal lil siehbu biex jieqaf ghax kienu gew il-pulizija (folio 390). Rega' pero kkonferma li hu t-twil qatt ma rah jaghmel xejn.

Muri r-ritratti ezebiti bhala Dok MB, Benetti identifika l-persuna fir-ritratti bhala dik il-persuna, anzi li hu l-istess wicc li fl-incident kien ra fejn il-Plush wara l-incident, cioe' dak allura b'wiccu minfuh, li sussegwentement gew bl-ambulanza biex jiehduh. Pero ma setax jikkonferma li kien l-istess persuna li waqt il-glieda kien wiccu 'l isfel.

Xehed ukoll l-Ispettur Carlo Ellul, li ezebixxa sett ritratti provduti lilu mill-parte civile, Dok CE1, kif ukoll certifikat mediku (fotokopja) fil-konfront ta' Dr Mark Bencini. Ezebixxa wkoll stqarrijiet taz-zewg imputati.

L-Ispettur Ellul in kontro ezami kkonferma li ghalkemm Overend kien  kiser imniehru fil-glieda, lilu bhala ufficjal investigattiv qatt ma kien hadlu certifikat mediku ta' dan. Ikkonferma li Magri Overend qatt ma gie arrestat ghax saru jafu bl-involviment tieghu wara. Qal illi sussegwentement Overend ma setax jinstab.

Ikkonferma wkoll illi Mark Meli waqt l-investigazzjoni kkopera hafna mal-pulizija.

In kontro ezami xehed ukoll Karl Muscat. Dan fil-glieda garrab griehi ta' natura hafifa. **Mistoqsi jekk kienx lest jirrinunzja ghall-proceduri kontra l-imputat Mark Meli, wiegeb fil-pozittiv, <u>pero</u> (enfasi tal-Qorti) meta mill-Qorti gie mistoqsi riedx jahfer lil Meli, wiegeb illi ma xtaqx, u ma kienx lest jahfirlu, anzi xtaq ikompli ghaddej bil-proceduri.**

Dwar il-feriti sofferti minn Karl Muscat xehed Dr. Satia Das, qal illi dan kellu 'multiple abrasions of eyes lower lid, left cheek, right arm, right forearm. Dawn gew deskritti bhala slight, Dok DS folio 533.

Minn naha tieghu Dr. Alan Attard iddeskriva b'mod dettaljat il-griehi sofferti minn Mark Bencini, esebixxa ukoll rapport mahrug minn Neurological Unit, Dok AA folio 539, bla dubbju ta' xejn minhabba n-natura taghhom ta' natura gravi. Dwar il-griehi sofferti minn Bencini xehed ukoll Mr Anthony Zrinzo li ta stampa cara tal-gravita' taghhom.

Ikklassifika l-istess bhala gravi (folio 311-316). Saljenti l-fatt li tant kien gravi Bencini wara l-griehi sofferti li meta ddahhal l-Isptar hu kien f'perikolu li jitlef hajtu.

Dr Josephine Busutill minn naha taghha xehdet ukoll dwar Mark Bencini. Ezebiet il-medical file ta' l-Isptar ta' l-istess.

Minn naha tieghu Dr James Palmier xehed biss bhala habib ta' Bencini li ha sett ta' ritratti, esebiti bhala Dok MM2, biex juru l-griehi sofferti minn Bencini.

Xehed ukoll il-Perit Kevin Bencini li jigi hu Dr. Mark Bencini li kkonferma ukoll xi ritratti mehuda minnu ta' huh meta mar l-Isptar wara li rcieva telefonata li huh kien midrub l-Isptar Dok KB.

Xehed anke minn jeddu l-imputat Mark Meli. Wiehed ghandu jiftakar dejjem illi dawn il-proceduri dejjem kienu, wara s-separazzjoni tal-Gudizzju, qed jitmexxew biss fil-konfront ta' Mark Meli.

Qal dan illi fiz-zmien tax-xhieda (Ottubru 2010) kellu 24 sena, kien ghadu kif lesta BA fil-business management. Fi zmien l-incident kellu dsatax-il sena. Xehed illi hu kien jilghab il-water polo, kemm mat-team tas-Sliema kif ukoll mat-team Nazzjonali u kien jilghab bhala attacker u defender. Spjega li wara li stennew hafna xita tieqaf, xi ghaxar guvintur, wiehed minnhom hu, bdew mexjin minn hdejn l-Intercontinental ghal hdejn Sabor. Qal illi kien miexi wahdu, ftit minn shabu quddiemu u ftit ohra warajh. Qal li regghet bdiet niezla x-xita u ghax kien liebes t-shirt biss, gera ghal fuq il-bankina taht Sabor. Qal illi kif kien tiela' fuq il-bankina, dar bniedem fuqu li kien qieghed go grupp u sabbatlu spalltu ma' tieghu. Xehed illi dar biex jiskuza ruhu u dan mill-ewwel qallu "Ara fejn miexi pufta. " (folio 1114), zied illi dak il-hin anke beda jiccaqlaq bhal boxer. Hu staqsieh x'kien qieghed jaghmel. Dan hdejh kellu lil Mark Bencini u Chris. Qal illi kif qallu dak il-kliem, x'qed jaghmel, tah daqqa ta' ponn. Qal li mar lura, ipprova jaghtih daqqa hu, pero ma lehaqx ghax rega' tah ohra. Laqtu fuq ix-xedaq. L-ewwel daqqa qalaghha fuq ix-

xedaq. Qal li kien hawn li mar Benji l-habib tieghu, u hadu 'l hemm. Anzi li kien dan Benji li waqqaf lill-iehor milli jkompli jaghtih id-daqqiet. Qal illi telghu Sabor. Hemm kien hemm Micheal Magri Overend, Stefan Debattista u Karl Ebejer. Qal illi dawn mal-ewwel indunaw li kien gralu xi haga. Ghalhekk qallhom b'dak li kien gralu, cioe' li kien qala' daqqa ta' ponn. Qalhom illi ried jitlaq ghax jumejn wara kellu loghba Waterpolo, dawn offrewlu biex imorru mieghu.  Qal illi hdejn l-exit ta' Sabor, Karl iltaqa' ma' xi hbieb ta' l-iskola tieghu u waqaf ikellimhom.  Qal li hu baqa' miexi ma'  Micheal u Stefan, u nduna li quddiemu kien hemm dawn it-tlieta minn nies, cioe' Karl Muscat, Mark Bencini, dawn kienu hdejn il-Plush. Qal illi hu qal lil Micheal biex joqghod attent ghax dawk kienu, qal li dak il-hin Karl Muscat dahaqlu.  Meta waslu biex jghaddu minn quddiemhom, skondtu Muscat rega' dahaqlu b'mod sarkastiku.  Dak il-hin Magri Overend staqsieh ghalfejn lil siehbu kien ghamillu hekk, hawn skond l-imputat Bencini wiegbu li ma kellux igibhom bi kbar.  Xehed illi hawn Micheal tah daqqa ta' ponn, cioe' ta daqqa lil Bencini. Hawn Karl Muscat ta daqqa lil Overend. Xehed illi Bencini waqa' ma' l-art.  Spjega li kif Overend ta daqqa li Bencini u dan waqa' ma' l-art, u Muscat ta daqqa lil Overend hawn bdiet il-glieda.  Qal illi f'dak il-hin Karl Muscat mar jigri ghal fuqu u tah daqqa, "two punches in a second", (folio 1122). Qal li ghalih dan Muscat kien vicin it-tletin sena, u ghalhekk ghalih kien qisu ragel, ghalhekk beza' minnu. Qal ukoll illi kif resaq lura u Muscat kien ser jaghtihielu, Ebejer qabez fuq Muscat u bdew jitremblu ma' l-art. Xehed ukoll illi kif ra lil Muscat fuq Ebejer, hu mar biex jiddefendi lil Karl Ebejer, ta daqqa minn fuq lil Muscat. Qal illi dak il-hin inqalbu u Ebejer gie minn fuq, gew il-pulizija u refghu lil Ebejer minn fuq Muscat.  Spjega li mbaghad mexa 'l hemm ma' Stefan u rega' mar lejn Sabor. Pero rega' mar hdejn fejn inqalghet it-tieni glieda, stante li qal li ma kellux x'jahbi, hemm kellmuh il-pulizija. Ammetta maghhom li hu anke kien ta daqqa lil Karl Muscat. Fil-konfront ta' Mark Bencini xehed illi hu rah jaqla' daqqa wahda biss. Qal illi hu ma' Karl Muscat kellu xi jghid. Xehed ukoll li hu lil Bencini qatt ma rah izjed. Xehed li hu kien biss mohhu f'Karl Muscat ghax x'hin rah gej fuqu kien

qieghed jibza' minnu. Qal li hu lil Bencini hallieh hdejn il-Plush u l-glieda mxiet lejn Peppermint Park.

In kontro ezami kkonferma li hu seta' ghajjar lil Muscat pufta meta laqtu spalla ma' spalla. Qal illi meta dar fuqu, dan Muscat gia' kien qieghed jiccaqlaq bhala boxer qalb in-nies, u li kellu lil Bencini hdejh. Xehed hawn li f'dak il-hin Muscat kien niezel minn fuq il-bankina, ghalkemm lanqas kien cert minn dan. Innega li hu kkonfronta lil Muscat tant li mar ghalih, baqa' nsistenti li qala' daqqtejn ta' ponn, f'temp ta' ftit sekondi. Innega li shabu wara li saru jafu li qala' daqqa, heggewh biex imorru jfittxuhom, dan nonostante li xehed Magri Overend li hu l-imputat ried imur jikkonfrontahom. Qal illi meta gew biex imorru, ghadda minn quddiem il-guvintur l-ohrajn, ghax nonostante li kien rahom, kienu gia' qabdu t-triq. Issa rega' qal li meta Muscat mar jigri fuqu, Ebejer qabez fuqu biex ma jaghtihielux.

Fir-rigward ta' Bencini xehed li kif qala' d-daqqa minghand Overend, dan waqa' ma l-art, pumm, qisu gie knocked out. Xehed illi qabel ma mar jiddefendi lil Ebejer, kien qieghed jhares lejh u lejn Muscat jitremblu ma' l-art. Ikkonferma pero li bid-daqqa li hu ta lil Muscat dan spicca b'Ebejer jaghti fuqu. Ikkonferma li verament fuqu kien mar il-pulizija Benetti, anzi li mar fuqu pulizija, b'dan pero li ghalih meta Benetti beda juza l-kelma vittma, dan kien qieghed jaghmel referenza ghal Karl Muscat. Ikkonferma li waqt il-glieda huwa soffra tbengil.

Xehed in difeza Benjamin Briffa li wkoll xehed li bhala grupp ta' hbieb bdew nezlin lejn Paceville. Semma l-grupp kollu hbieb ta' l-imputat. Ftehmu li jmorru Sabor. Qal illi fit-triq ra daqsxejn ta' sitwazzjoni li ddeskriva li ra lil Mark Meli mdawwar bi grupp ta' rgiel li kienu daqsxejn ikbar minnu. Qal li kienu tlett irgiel. Xehed illi wiehed minnhom kien qieghed jattakka lil Mark, kien ukoll qisu jogging on the spot. Qal illi dan lil Mark tah daqqa ta' ponn, tant li Mark kellu demm hiereg minn ma' wiccu. Qal li Mark Bencini gibed lil iehor 'l hemm.

In kontro ezami kkonferma li minn dawn it-tlett irgiel wiehed biss kien qieghed jagixxi b'mod aggressiv fil-konfront ta' Meli, cioe' Karl Muscat. Ikkonferma wkoll illi t-tnejn l-ohra li kienu ma' Muscat, ma kinux involuti fil-glieda.

Ikkonferma li hu l-ewwel ma ra li kien hemm xi tip ta' diskussjoni, umbaghad ra lil Karl jiehu posizzjoni pugilistika, umbaghad ra d-daqqa ta' ponn.

Ikkonsidrat;

Illi certament l-incident inqala' u gie instigat b'incident iehor mill-aktar banali, zewg guvintur li laqtu spalla ma' spalla lil xulxin u minflok kienu maturi bizzejjed biex iwaqqfu dan l-incident hawn, minnha eskalaw l-ewwel glieda li wara kibret tant li poggew il-hajja ta' Bencini fil-periklu. Huwa pacifiku li l-ewwel incident inqala' bejn Karl Muscat u Mark Meli, kienu dawn li habtu ma' xulxin, kienu dawn li bdew l-ewwel litigju, min jghid li kien biss verbali, min li kien Muscat li xejjer daqqa ta' ponn jekk mhux tnejn lil Meli, u min li kien Meli li hebb ghal Muscat. Lanqas hemm xhieda cara jew ahjar konsitenti jekk fil-fatt Meli soffriex griehi f'din il-glieda, ghalkemm hu jghid li spicca mbengel.

Certament ukoll, u dan xehdu l-istess Meli, li wara l-ewwel glieda hu baqa' sejjer lejn Sabor biex jiltaqa' kif kien miftiehem ma' shabu. Hemm irrakkonta dak li kien ghadu kif jghaddi minnu. Hawn insibu divergenza ohra. Meli jghid li ried jitlaq minn hemm ghax jumejn wara kellu lobgha waterpolo, u ghalih b'dak li kien gara l-lejl kien gie kompromess. Minn naha tieghu Magri Overend insista li Meli ried johrog jikkonfronta lil dawk in-nies ta' l-ewwel glieda. Dan Meli jichdu. Mistoqsi allura ghalfejn, meta hareg minn Sabor u ra t-tlieta l-ohra minflok gibed lejhom, fl-ispazju tal-pjazza in kwistjoni, wiegeb ghax dik kienet it-triq li kienu qabdu, pero xorta hass il-bzonn li javza lil shabu bil-presenza tat-tlieta li kellu l-inkontru maghhom qabel. Nonostante cio' baqa' jinsisti li hu kien jibza' minn Karl Muscat. Jammetti pero li x'hin dan Muscat kien

qieghed jiggieled ma’ Ebejer u ta lil Muscat biex jiddefendi lil Ebejer.

Dwar l-akkuza aktar gravi, cioe’ min fil-fatt spicca wegga’ b’mod daqstant gravi lil Bencini, dan huwa fatt negat ghal kollox minn Meli. Mhux talli hekk, talli Meli zgur biex jiskolpa lil siehbu xehed li hu ra lil Bencini jaqla’ daqqa minghand Overend, dan waqa’ fi kliemu pumm ma’ l-art u daqshekk. Qatt ma ntmiss izjed donnu, ghax umbaghad xehed illi l-glieda kienet biss bejn Karl Muscat u Karl Ebejer li suppost tremblu lejn Peppermint Park. Jinsa Meli x-xhieda cara tal-pulizija Benetti li pogga kemm lilu kif ukoll lill-ko-imputat l-iehor fil-kawza fl-original taghha, fil-vicinanzi ta’ Brincat qed jissawwat. Ghall-vantagg ta’ Meli, Benetti xehed li hu qatt ma ra lil Meli jsawwat lil Bencini. Del resto anke sieheb Meli, almenu dak iz-zmien, ghax jirrizulta car li en passant tat-temp dawn il-hbieb inqasmu fazzjonijiet, certu Stefan Debattista xehed li kemm Meli kif ukoll Ebejer kienu hdejn persuna mixhuta ma’ l-art.

Rat ukoll illi Karl Muscat kien kategoriku fit-twegiba tieghu li ma riedx jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali kontra Mark Meli.

Rat ukoll il-verbal tad-Difiza, mahruga l-Artikoli, fejn gie rilevat illi l-Artikoli li hargu fil-konfront ta’ Mark Meli ma jiddefinixxux per ezempju fil-konfront ta’ ferita hafifa fil-konfront ta’ min qieghda ssir. Dan il-punt skond id-Difiza, gie sollevat in kwantu l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, gie dejjem ekwiparat ma’ Att ta’ Akkuza. Ghalhekk l-Avukat Difensur, ghalkemm ikkoncediet li fl-Artikoli m’hemmx bzonn dik il-formalita’ mitluba fl-Att ta’ Akkuza, ghamlet referenza ghall-Artikolu 589(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, illi jghid li barra li l-akkuzat ghandu jkun jaf l-allegazzjoni, ghandu wkoll jkun jaf “and to the person against whom the offence was committed”. Ziedet illi f’dan il-kaz, in kwantu hdejn l-Artikoli 214 u 221 ma kienx hemm kontra min saret l-allegata akkuza, allura fil-fehma tad-Difiza l-akkuzat kien imqieghed f’posizzjoni ta’ svantagg fil-konfront ta’ min kellu jaghmel id-Difiza tieghu.

Frankament ma’ dan kollu din il-Qorti ma taqbilx. L-iter ta’ dan il-process qabel ma gie res sommarju bl-Artikoli mibghuta, li ghalihom ta l-kunsens tieghu l-imputat biex skondthom jigi gudikat, beda b’akkuza cara fil-kompetenza ta’ Qorti Istruttorja. Fil-kors ta’ dan, ingabu diversi xhieda li spjegaw dak li kien allegatament gara u l-griehi sofferti minn dan l-incident, in-natura taghhom u kif gew inflitti. Mahruga l-Artikoli, l-imputat kien imqieghed f’posizzjoni ferm cara li jaghraf kontra xiex kien qieghed jiddefendi lilu nnifsu. Ma deherx fl-opinjoni ta’ din il-Qorti li kien pregudikat f’dan, tant illi anke kif kien drittu ghazel illi jaghti x-xhieda tieghu dwar dan.  Il-formalita’ mehtiega f’Qorti Kriminali, generalment b’gurija, hija frankament zejda f’Qorti issa konvertita f’wahda ta’ kompetenza ta’ Gudikatura Kriminali, li bhala Istruttorja tkun ghexet di prima mano l-iter tal-process kollu. Del resto l-Artikoli, ghalkemm verament huma l-akkuza migjuba, b’mod generali jirriflettu l-akkuza originali li taghha jkun qieghed jirrispondi l-imputat fl-interrogatorju. Dan in-ness huwa wiehed kwazi naturali in kwantu ghall-provi li jigu mressqa biex jippruvaw l-akkuza, u fl-eventwalita’ li l-Avukat Generali jibghat l-artikoli.

Illi fil-kumplament, ezaminati l-provi prodotti, din il-Qorti ftit ghandha xi tghid fuq l-akkuzi. Certament Meli b’xi mod ippartecipa fil-glieda li nqalghet ma’ Meli. Pero ghalkemm xhieda okulari jqieghduh hdejh, minn imkien ma tirrizulta xi prova li hu kkaguna griehi lil dan. Ammetta fix-xhieda tieghu li hu ta lil Karl Muscat, anke jekk skondtu biex jiddefendi lil Ebejer. Ghaldaqstant, meqjusa l-provi migjuba fil-konfront tieghu, nonostante li kien wiehed mill-instigaturi ta’ dan l-incident qieghda tilliberah mill-akkuza principali taht l-Artikolu 214 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Pero fil-konfront ta’ Karl Muscat, issibu hati ai terminu ta’ l-Artikolu 212 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, hati ukoll ta’ l-Artikolu 338(dd) ta’ l-istess Kapitolu, hati taht l-Artikolu 339(1)(e) ta’ l-imsemmi Kapitolu.  Tqis illi l-kontravenzjoni msemmija fl-Artikolu 339(1)(d) hija wahda kompriza fir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 221.

Tikkundannah ghalhekk, wara anke li rat il-fedina penali tieghu

Rat ukoll l-artikoli 382, 383, 384, 386, 412C ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Tikkundannah ghall-multa ta’ €1,165, kif ukoll qieghda tqieghdu taht obbligazzjoni tieghu nnifsu, ghall-ammont ta’ €2,000, u dan ghal zmien sena(1), li bl-ebda mod ma javvicina, ikellem, jew jivvessa lil Dr Mark Bencini, u dan wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qieset f’dan il-konfront id-dokument MB ezebit mill-espert Dr Martin Bajada, li jirrigwarda l-griehi sofferti minn Dr Mark Bencini, li ghalhekk mhux applikabbli ghall-kaz in dezamina.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------